istudenti ta' l-Għaqda tal-Malti (Università) biex mhux biss iżommu isem Saydon fil-għoli fejn tellgħu bl-istudji serji tiegħu, imma jżommuh ukoll bħala l-mudell ta' patrijott Malti u ta' professur għaref li għamel ġieh lill-Università u fuq kollox bħala studjuż tal-Bibbja li għamel unur lill-Knisja ta' Malta.

Grazzi ta' l-istedina biex nitkellem fuqu din il-lejla f'ġiehu u għal ġiehu.

**Dalwaqt**

Fil-firxa tas-sema hemm dawn il-kelmiet,
Ta' mħabba w mibegħda, ta' tluq u firdiet,
Dalwaqt tasal rebbiegħa ta' l-imħabbiet,
U twarrad jew tgħarraq dawn l-egħżeż fehmiet.

Jekk immidd għonqi għal xogħol ta' bla mistrieħ,
Ma nsibx il-kenn li sibt qabel dan iż-żmien,
Għalxejn insorr ħwejġi u nitlaq bil-kwiet,
Għalxejn kull ħasba u għalxejn kullimkien.

Joseph Bugeja

Ġunju, 1990